# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' April, 2002 .

### Avviz numru : 59/2000G2(PC)

Carmelo Caruana Company Limited .

VS

A. F. Ellis Limited .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz illi permezz tieghu, s-socjeta attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ammont ta' tlett mija erbgha u hamsin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm354.73) hlas dovut wara servizzi rezi lis-socjeta konvenuta mis-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju, 2000 kontra l-istess socjeta' konvenuta u bl-imghax legali .

Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta illi eccepiet illi :

1. Preliminarjament in-nullita' tan-notifika ta' dina c-citazzjoni stante illi ma gietx innotifikata skond il-ligi u senjatament tramite ufficjal ezekuttiv ta' dina l-Onorabbli Qorti kif tiddisponi l-ligi .

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m'huwa dovut lis-socjeta' attrici peress illi kien hemm intiza ma' direttur tas-socjeta' attrici u cioe' Beppe Hili illi l-ebda ammont ma' jkollu ghalfejn jithallas bhala 'demurrage', liema ftehim qed jigi michud mill-istess direttur .

Innutat illi din il-kawza kienet tpoggiet Sine Die fit-28 ta' Gunju, 2001, u dana wara li ghal diversi seduti l-atturi kienu naqsu li jattendu ghas-

smiegh ta' din il-kawza . Innutat ukoll illi fuq talba ta' l-istess socjeta' attrici l-kawza kienet giet riappuntata ghal-lum .

Innutat ukoll illi hadd ma deher ghall-istess socjeta' attrici ghall-udjenza tal-lum .

Rat il-verbal ta' Dr. Joseph Ellis ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn talab li l-istess socjeta' konvenuta tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju .

Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi hadd qatt ma deher ghan-nom tas-socjeta' attrici, sabiex igibu 'l quddiem il-pretensjonijiet taghhom f'din il-kawza, lanqas wara illi din il-kawza kienet giet riappuntata fuq talba taghhom stess, tilqa' t-talba tas-socjeta' konvenuta u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju .

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S5900G2(Pc)
318